Maltese

is-sigurtà tan-nar f’darek

1 kawżi komuni ta' nar fid-dar

Stoves jistgħu jkunu ta' periklu kbir tan-nar

Iċċekkja li s-swiċċijiet qegħdin jaħdmu sewwa

CFA tattendi għal aktar minn 1000 nar fi djar kull sena.

Il-biċċa l-kbira tan-nirien fatali jiġru fid-dar, imma t-traġedja propja hija li ħafna minn dawn in-nirien setgħu kienu evitati.

Mument ta' nuqqas ta' attenzjoni fil-kċina, xi tagħmir ta' l-elettriku difettuż jew ħwejjeġ maħsula li jitħallew viċin ħafna ta' heater kollha jistgħu jkollhom konsegwenzi diżastrużi u jikkaġunaw ħsara strutturali kbira jew jesponu membri tal-familja għal korriment.

Fortunatament hemm ftit affarijiet sempliċi li tista' tagħmel biex tgħin tipproteġi lill-familja tiegħek mill-perikli tan-nar. Jekk tieħu żmien biex 'tiċċekkja l-postijiet perikoluži li għandek', li tiżgura li jkollok smoke alarm taħdem, u li tipprepara pjan kif taħrab mid-dar fil-każ ta' nar jistgħu jagħtuk ċans akbar biex tevita l-effetti qerrieda ta' nar.

Il-biċċa l-kbira tan-nar fid-dar jibda fil-kċina

- Stoves (apparat li ssajjar fuqu) tal-kċina huma ta' periklu kbir għan-nar.
- Qatt tħalli l-ikel isir waħdu.
- Żomm l-istoves u l-grills ħielsa minn kull grass u xaħam li jinġema.
- Żomm l-istove u t-toaster (fejn tixwi l-ħobż) 'il bogħod minn srievet u purtieri.
- Ilbes kmiem issikkati meta tkun issajjar.

Sistema ta' wajers difettuża minn fejn jgħaddi l-elettriku hija ta' periklu

- Kun żgur li s-swiċċijiet kollha jkunu qegħdin jaħdmu sewwa. Wajers qatt m'għandhom ikunu jidhru u dejjem għandhom ikunu miksija b'materjal biex ma jkunux esposti.
- Kull tiswija għandha issir minn electrician reġistrat. Tipprovax tagħmel it-tiswija int.
- Qatt tgħabbi żżejjed outlets ta' l-elettriku. Ħafna double adaptors u powerboards jistgħu jgħabbu iżżejjed power points.
- Tpoġġix extension leads (wajer twil biex jgħaddi l-elettriku) taħt it-tapit jew l-għamara.
- Installa safety switches (swiċċijiet ta' sigurtà). Dawn jiżolaw mill-ewwel l-elettriku mis-switchboard tiegħek jekk jinħass kurrent elettriku f'daqqa. Ara l-websajt ta' Energy Safe Victoria f' **www.esv.vic.gov.au** għal aktar informazzjoni.

1 kawżi komuni ta' nar fid-dar

Poġġi skrin quddiem nar li jkun fil-miftuħ

Iddendilx ħwejjeġ viċin ħafna ta' nar jew heaters

Affarijiet li jaħdmu bl-elettriku

- Kun ċert li l-affarijiet li jaħdmu bl-elettriku jintużaw skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur.
- Iċċekkja li l-oġġetti ta' l-elettriku jaħdmu f'kundizzjoni tajba. Il-manutenzjoni u l-iċċekkjar tagħhom għadhom isiru minn electrician reġistrat jekk ikollok dubju li huma difettużi, speċjalment dawk li jkunu second-hand.
- Plugs u leads għandhom jinbidlu minn electrician reġistrat.
- Itfi l-affarijiet li jaħdmu bl-elettriku mill-power point meta ma jkunux użawi.
- Jekk jibda jaqbad nar, itfi l-elettriku mill-ewwel fil-power point jew switchboard jekk ma jkunx hemm periklu.

Kutri ta' l-elettriku

- Qatt tħalli kutri ta' l-elettriku mixgħula matul il-lejl jew matul il-ġurnata – ixgħelhom madwar 30 minuta qabel tidħol fis-sodda.
- Storja kutri ta' l-elettriku skond l-istruzzjoni tal-manifattur.
- Tpoġġix oġġetti tqal fuq kutra ta' l-elettriku li tkun qed tintuża. Dan jinkludi pets.
- Torqodx b'kutri ta' l-elettriku mixgħulin.

Tipjip fis-sodda

- Qatt tpejjep fis-sodda.
- Xrar jista' jibda jaqbad fil-lożor tas-sodda u jinfirex fi fjamma meta tkun rieqed.
- Kun ċert li fdalijet ta' sigaretti jkunu mitfija qabel tarmihom.

Clothes dryers (Magni li jnixxfu l-ħwejjeġ)

- Naddaf il-lint filter kull darba li tużah.
- Agħti ċans lid-dryer biex jagħmel id-dawra kollha biex jiksaħ.

Meta ssaħħan id-dar

- Itfi s-sistema li ssaħħan id-dar meta tmur torqod.
- Tpoġġix ħwejjeġ viċin ħafna l-heaters.
- Kun ċert li l-heaters u minn fejn jgħaddi d-duħħan ikunu nstallati u mizmuma b'mod professjonali.
- Iċċekkja li l-ħitan u l-art huma miksija xierqa għal sorsi ta' sħana u li l-heaters jkunu bogħod biżżejjed minn materjal li jieħu n-nar.
- Oqgħod attent fejn tpoġġi heaters li jinġarru.
- Poġġi skrin quddiem nar fil-miftuħ.
- Qatt tħalli nar jaqbad wara li tmur torqod jew meta toħroġ mid-dar. Kun żgur li l-irmied ikun kesaħ qabel tarmih.
- Qatt tħalli tfal waħidhom viċin nar fil-miftuħ jew heaters.

Xemgħa u ħruq ta' żejt

- Żomm ix-xemgħa 'l bogħod minn purtieri u materjal ieħor li jaqbad.
- Uża dejjem uċuħ li ma jaqbdux.
- Kun ċert li tuża ilma u żejt fil-kontenitur li tqabbad.

Naddaf il-filter tal-clothes dryer

2 ħallem lit-tfal joqogħdu attenti madwar in-nar

Żomm sulfarini fejn ma jintlaħqux mit-tfal

Ħallem lit-tfal jagħtu s-sulfarini lil xi ħadd adult

- Wieħed minn kull erba' aċċidenti tat-tfal jinvolvi ħruq.
- Żomm is-sulfarini kollha, lighters u xemgħat fejn ma jintlaħqux minn tfal żgħar.
- Uża lighters li ma jkunux ta' periklu għat-tfal.
- Ħallem lil tfal żgħar biex jagħtu s-sulfarini kollha u lighters lil xi ħadd adult.
- Kun żgur li tfal akbar ikunu jafu li s-sulfarini jintużaw biss fil-preżenza tal-kbar.
- Ħallem lit-tfal biex iċemplu 000 jekk ikun hemm emerġenza.
- Eduka lit-tfal tiegħek biex ikunu jafu kif joħorġu mid-dar fil-każ ta' nar.
- Agħmel drills (eżerċizzji ta' taħriġ) regulari mat-tfal biex ikunu jafu fejn jiltaqgħu meta jkunu barra d-dar.
- Uri lit-tfal biex jinżlu fil-baxx u jitilqu, jitilqu, jitilqu, jekk ikun hemm duħħan fid-dar.*
- Ħallem lit-tfal biex jieqfu, jinżlu ma' l-art u jitgerrbu jekk il-ħwejjeġ tagħhom jieħdu n-nar.*

* Ara r-regoli kif Taħrab minn nar – Paġna 10

Ipprattika rotot dwar kif taħrab fil-każ ta' nar

3 smoke alarms li jaħdmu jsalvaw il-ħajjiet

Ħafna familji salvaw ħajjithom minħabba li smoke alarms kienu jaħdmu

Ma tistax ixxomm duħħan meta tkun rieqed, għalhekk smoke alarms huma sistema essenzjali biex iwissu lilek u lill-familja tiegħek għal alert ta' periklu ta' nar u duħħan.

Regulazzjonijiet tal-bini jistipulaw li kull dar f'Victoria għandu jkollha smoke alarm skond l-Australian Standard AS 3786. Djar eżistenti jistgħu jinstallaw smoke alarms li jaħdmu bil-batterija, imma, id-djar kollha ġodda għandu jkollhom smoke alarms bil-wajer qabel wieħed jidħol joqgħod fihom. Alarms bil-wajer xorta jkollhom bżonn batterija fil-kaz li tinqata' l-provista tad-dawl.

Minkejja r-regulazzjonijiet, riċerka turi li 45 fil-mija biss tal-propjetajiet li kienu ċċekkjati mis-servizzi tan-nar kellhom smoke alarms u, minn dawn, 31 fil-mija ma kinux jaħdmu.

Tista' tiżgura li l-ismoke alarm tiegħek tkun qed tipproteġi lill-familja tiegħek billi żżommha f'kunduzzjoni taħdem sewwa.

- Iċċekkjaha kull ġimgħa billi tagħfas il-buttuna ta' l-ittestjar b'lasta ta' xkupa biex tiżgura li tagħmel ħsejjes (beeps).
- Farfar l-alarm bi xkupilja ta' vacuum cleaner.
- Biddel il-batterija ta' lanqas darba f'sena. Huwa faċli li tiftakar, jekk tagħmel dan meta taġġusta l-arloġġ tiegħek għall-ħin tas-sajf.

Smoke alarm li ma tkunx taħdem hija bla siwi u tipprovdi sens falz ta' sigurtà.

Agħmel l-għażla tajba

Smoke alarms m'humiex għoljin ħafna u faċli biex tinstallahom. Meta tkun qed tagħżel alarm, kun ċert li tagħżel waħda li hija skond l-Australian Standard AS 3786.

Hemm żewġ tipi ta' smoke alarms – ionisation alarms li primarjament jindikaw l-inqas preżenza ta' duħħan u l-photo-electric alarms li huma aktar ġodda u li jindikaw kull duħħan li jidher.

Riċerka tindika li għalkemm iż-żewġ tipi ta' alarms it-tnejn jagħtu ħin lil dawk li jkun hemm fid-dar biex jaħarbu, photo-electric alarms huma konsistentament aktar effettivi biex jindikaw nar li jkun qed jaqbad fid-dar.

- CFA tħeġġeġ lil dawk kollha li għandhom dar biex jibdlu l-ionisation smoke alarms eżistenti tagħhom b'photo-electric alarms.

Huwa vitali li l-ismoke alarm tkun installata sewwa

Għal protezzjoni minima, installa smoke alarm barra kull karma tas-sodda jew partijiet ta' l-irqad fid-dar tiegħek. Jekk toqgħod f'dar b'aktar minn livell wieħed, installa smoke alarm f'kull livell.

Huwa ppreferut li jkollok smoke alarms interkonnettjati ma' xulxin. Xi tipi ta' smoke alarms jistgħu jkunu interkonnettjati ma' xulxin, biex jekk waħda mill-alarms tagħmel ħoss, l-alarms l-oħra jkunu attivati wkoll.

Djar b'taqsimiet għat-tfal għandhom ikollhom alarms ikkonnettjati ma' alarm viċin il-kamra tas-sodda ta' xi ħadd kbir. Studji wrew li 85 fil-mija ta' tfal reqdin ma jqumux għall-ħoss ta' smoke alarm.

Tpinġija 1: Smoke alarms fl-entraturi



Tpinġija 2: Bini residenzjali bil-partijiet ta' l-irqad separati



Tpinġija 3: Spazju ta' arja ineffettiva u l-installazzjoni xierqa ta' smoke alarms fuq ħitan tal-ġnub



Id-distanza minn fuqnett tal-cathedral ceiling għall-għoli ta' l-alarm għandu jkun bejn 500mm u 1500mm.

Iċċekkja l-ismoke alarm kull ġimgħa

Farfar l-ismoke alarm b'vacuum cleaner

Hija r-responsabbilità tas-sid tal-kera li jiżgura li smoke alarms ikunu installati fi propjetajiet ta' kera.

Imxi ma' l-istruzzjonijiet tal-manifattur meta tkun qed tinstalla smoke alarms.

- Mas-saqaf: L-ismoke alarm għandha tkun fiċ-ċentru tas-saqaf. Jekk ma tkunx tista' titpoġġa hawnhekk għandha tkun 300mm minn kull gwarniċun (cornice) jew ħajt.
- Mal-ħajt: L-ismoke alarm għandha tkun minn 300mm-500mm mis-saqaf.
- Fuq cathedral ceiling jew saqaf imżerżaq: L-ismoke alarm għandha tkun minn 500mm-1500mm mill-ogħla punt.
- Evita postijiet fejn jgħaddi r-riħ: Tinstallax smoke alarms viċin twieqi, bibien jew ducts fejn r-riħ jista' jaffettwa s-sensittivita ta' l-alarm.
- Evita spazji ta' arja ineffettivi: Spazju ta' arja ineffettiva hija erja li fiha arja sħuna li tinqabad twaqqaf id-duħħan milli jilħaq l-alarm. Dan ġeneralment jiġri fuqnett ta' cathedral ceilings jew soqfa imżerżqa, fejn jiltaqgħu l-kantuniera tal-ħitan u soqfa, u bejn il-biċċiet ta' l-injam esposti ta' l-art.

Għal aktar informazzjoni dwar l-installazzjoni korretta ta' smoke alarm, ara:
www.buildingcommission.com.au

Smoke alarms għal dawk b'nuqqas ta' smigħ

Hemm smoke alarms speċjali għal dawk b'nuqqas ta' smigħ. Dawn jistgħu jkollhom dawl li jixgħel u jitfi u/jew pad li jivvibra li jista' jitpoġġa taħt l-imħadda biex jattivah meta jibda jdoqq l-alarm.

Xi alarms huma ddisinjati biex jikkonnettjaw ma' alarms li jinstemgħu b'mod konvenzjonali f'postijiet differenti fid-dar. Jekk wieħed mill-alarms jindika duħħan, kollha jagħtu s-sinjal, id-dawl jibda jixgħel u jitfi u l-pad jibda jivvibra.

Alarms oħra huma units li jistgħu jinġarru li jkunu jistgħu jittieħdu minn post għall-ieħor.

M'hemmx Standards Awstraljani għal smoke alarms għall-għomja, torox u dawk b'nuqqas ta' smigħ, imma hemm Standard għall-komponent li jindika alarm tad-duħħan biss. CFA tirrakomdna li dawk li jixtru alarms biex jikkwotaw dan l-iStandard, AS 3786.

Aktar informazzjoni għal dawk b'nuqqas ta' smigħ tinstab f':

Victorian Deaf Society
www.vicdeaf.com.au

Disability Information Online
www.disability.vic.gov.au

Bdil ta' smoke alarm u kif teħles minnha

Smoke alarms ma jibqgħux tajbin għal dejjem u ġeneralment ikollhom ħajja ta' madwar 10 snin. Jekk l-alarm tiegħek ikollha aktar żmien minn hekk, CFA tirrakomda li tinbidel.

Xi smoke alarms ikollhom id-data sa meta għandhom jibqgħu jintużaw mniżżla fuqhom, imma jekk l-alarm tiegħek tibqa' tagħmel ħoss 'beeping' wara li tkun biddiltilha l-batterija tagħha, għandha tinbel.

Minn Settembru 2007, il-leġislazzjoni tippermetti li smoke alarms jintremew ma' l-iskart tad-dar.

4 itfi t-theddida

Żomm kutra tan-nar u extinguisher fil-kċina

Nirien żgħar li jaqbdu fi djar f'malajr jistgħu jikbru mingħajr kontroll, għalhekk kull dar għandu jkollha xi tagħmir bażiku għall-kontra n-nar li jkun fil-qrib.

- Kun ċert li fid-dar tiegħek għandek fire extinguisher u kutra tan-nar miżmuma tajjeb u kun af kif tużahom. Fittex prodotti li jkunu skond l-Australian Standard AS 2444.
- Tkun idea tajba li żżomm dawn fil-kċina billi huwa hawnhekk li ħafna minn nirien jibdew fid-dar.
- Jekk in-nar ikun żgħir u f'post partikulari u jkun salv li tagħmel hekk, iftih billi tuża l-kutra tan-nar jew fire extinguisher.
- Dawn jinkisbu minn ħwienet tal-hardware u minn ħafna supermarkets, jew jistgħu jkunu ordnati mill-Fire Equipment Maintenance Department tas-CFA.

  Ara **www.cfa.vic.gov.au/residents/home/equip.htm** għal aktar informazzjoni.

5 kif issalva minn nar fid-dar

Taf x'għandek tagħmel jekk jibda jaqbad nar f'darek?

Il-familji kollha għandhom jippreparaw pjan dwar kif jaħarbu mid-dar u jipprattikaw dan il-pjan.

Dan il-pjan jidentifika l-postijiet kollha fid-dar tiegħek minn fejn tista' toħroġ u l-post miftiehem fejn il-membri tal-familja jiltaqgħu meta jkunu barra mingħajr periklu.

- Hemm karta li fuqha tista' tniżżel id-dettalji fin-naħa ta' wara ta' dan il-ktejjeb biex tgħinek.

Dawk kollha li jieħdu ħsieb it-tfal tiegħek jew li joqogħdu f'darek għandhom ikunu jafu bil-pjan ta' kif jaħarbu minn nar. Urihom il-postijiet kollha minn fejn jistgħu joħorġu u fejn huma n-numri tat-telefon u ta' emerġenza.

Żomm numri ta' emerġenza viċin it-telefon

- Kun ċert li n-numri ta' emerġenza qegħdin maġenb it-telefonijiet kollha f'darek.
- Ċempel 000 f'każ ta' nar, pulizija u ambulanza.
- Qatt m'hu kmieni żżejjed biex tgħallem lit-tfal kif jikkuntattjaw servizzi ta' emerġenza.

Agħmel drills tan-nar regolarment ma' dawk kollha li joqogħdu fid-dar u identifika l-aktar mod ta' malajr u salv biex toħroġ mid-dar minn kull kamra, inklużi s-sulari ta' fuq.

Ftiehmu dwar post fejn tiltaqgħu barra u tibdluħx. Il-kaxxa ta' l-ittri tista' tkun post xieraq. Kun ċert li n-numru tad-dar tiegħek ikun jidher ċar biex is-servizzi ta' emerġenza jkunu jistgħu jsibukom malajr.

Regoli kif issalva minn nar

Jekk il-ħwejjeġ tiegħek jieħdu n-nar, ieqaf, inżel ma' l-art u trambal biex titfi l-fjammi.

- Biex tgħin lil xi ħaddieħor, itfa' kutra tas-suf fuqhom.

Jekk ikun hemm duħħan fid-dar tiegħek, tbaxxa u itlaq, itlaq, itlaq!

- F'nar, l-aktar post salv biex tieħu n-nifs huwa viċin l-art fejn l-arja tkun aktar friska u nadifa, għalhekk ftakar li titkaxkar f'pozizzjoni baxxa fid-duħħan.

Iċċekkja l-bibien għas-sħana qabel tiftaħ.

- Uża n-naħa ta' wara ta' idek biex tiċċekkja s-sħana, imbagħad tbaxxa u tkaxkar għal post salv. Agħlaq il-bibien warajk jekk ikun possibbli. Jekk il-bieb ikun jaħraq uża post ieħor minn fejn toħroġ.

Oħroġ lil kulħadd mid-dar malajr kemm jista' jkun.

Ċempel lill-brigata tat-tifi tan-nar minn dar tal-ġirien, telefon pubbliku jew telefon ċellulari u stennihom biex jaslu.

- Għidilhom fejn hu n-nar u jekk xi ħadd ikun għadu ġewwa.

Terġax tidħol ġewwa għal xi raġuni.

Ipprepara pjan kif taħrab mid-dar

Iċċekkja l-bibien għas-sħana

Aqblu dwar post fejn tiltaqgħu barra

5 kif issalva minn nar fid-dar

Iffriska kull ħruq bl-ilma ħiereġ

Kun ċert li tkun tista' tiftaħ il-bibien meta tkun ġewwa

Tgħallem il-first aid (l-ewwel għajnuna) bażiku

Jekk xi ħadd ikollu ferita ta' ħruq:

1. **Waqqaf il-ħruq**
   Neħħi l-ħwejjeġ, jekk ma jkunux imwaħħlin mal-ġilda.
2. **Iffriska l-ħruq**
   Niżżel jew itfa ħafna ilma fuq il-parti maħruqa f'ilma frisk ħiereġ għal 15 sa 20 minuta.
   Qatt tuża żejt, butir jew dlik.
3. **Għatti**
   Għatti l-ħruq b'biċċa ċarruta nadifa jew bi cling wrap u żomm lill-pazjent sħun.

Ara tabib jekk il-ħruq ikollu nfafet, ikun akbar minn munita ta' 20 ċenteżmu, jew ikun fuq il-wiċċ, l-idejn, ir-riġlejn jew parti ġenitali.

Ċempel 000 għal ambulanza.

Tħallix serraturi jgħalqu l-passaġġ minn fejn taħrab

Il-ħajja tiegħek tista' tiddependi minn kemm tkun tista' toħroġ malajr minn darek fil-każ ta' nar.

Id-duħħan jinxtered malajr, jaqta' l-viżibiltà u jikkaġuna diżorjentazzjoni.

- Tagħlaqx il-bibien b'serratura meta tkun ġewwa d-dar.
- Jekk ikollok bżonn tuża s-serratura meta tkun id-dar, ħalli ċ-ċavetta fiha jew agħmel post fejn tpoġġi ċ-ċavetta maġenb il-bieb.

EXIT

6 il-pjan tiegħek biex taħrab minn nar fid-dar



Il-maġġoranza ta' nirien fatali jiġru fid-dar, madankollu riċerka turi li ħafna nies f'Victoria m'ġħandhomx pjan iddettaljat dwar dak li ġħandhom jagħmlu jekk jaqbad nar.

Kull dar ġħandu jkollha pjan dwar kif membri tal-familja jaħarbu minn nar fid-dar u jipprattikaw il-pjan regolarment.

Nar fid-dar jista' jesponik ġħal temperaturi ta' aktar minn 600°C. Madankollu, il-biċċa l-kbira tan-nies imutu mid-duħħan li jkunu belgħu u gassijiet tossiċi ħafna qabel il-fjammi jkunu laħquhom.

Familji li jkunu ppreparati sewwa aktar ġħandhom ċans li jaħarbu minn nar f'darhom mingħajr periklu u mingħajr paniku.

Użu l-grid meħmuża biex toħloq pjan kif taħrab minn nar fid-dar, u poġġiha fejn tidher b'mod prominenti. Il-bieb tal-friġġ huwa post tajjeb.

Iġbor il-familja u pinġi l-pjan ta' l-art ta' darek fuq il-grid u mmarka l-postijiet kollha minn fejn tista' toħroġ.

Involvi lit-tfal. Itlobhom biex jgħinuk tidentika l-aktar modi ta' malajr u mingħajr periklu kif joħorġu mid-dar minn kull kamra, inklużi s-sulari ta' fuq.

Ftiehmu fuq post fejn tiltaqgħu barra u tibdluħx. Il-kaxxa ta' l-ittri tista' tkun post xieraq.

Meta tkun ippreparajt il-pjan tiegħek agħmel drills (eżerċizzji ta' prattika) tan-nar u ara kemm-il membri tal-familja jkunu jistgħu joħorġu barra mid-dar malajr. Tkun idea tajba li tipprattika dan ta' lanqas darbtejn fis-sena – aktar ta' spiss jekk ikollok tfal żgħar.

pariri dwar siġurtà tan-nar fid-dar

- Qatt tħalli ikel li jkun qed isir, heaters, nar fil-miftuħ jew xemgħa jaqbdu waħdihom.
- Tgħabbix iżżejjed il-powerboards.
- Żomm affarijiet li jaħdmu bl-elettriku jaħdmu f'kundizzjoni tajba.
- Kun żgur li rmied u fdalijiet tas-sigaretti jkunu mitfija. Qatt tpejjep fis-sodda.
- Qatt tnixxef ħwejjeġ viċin ħafna l-heaters.
- Naddaf il-lint filters fuq clothes dryers regolarmnet u dejjem ħalli d-dryers jagħmlu d-dawra kollha biex jiksħu.
- Poġġi s-sulfarini u l-lighters kollha fejn ma jiħquhomx it-tfal.
- Skond il-liġi kull dar ġħandu jkollha ta' lanqas smoke alarm waħda li tkun taħdem f'kull sular tad-dar. Naddaf u ċċekkja l-alarms tiegħek regulari u kun żgur li jkunu jaħdmu.
- Ġħandu jkollok fire extinguisher u kutra tan-nar u li tkun taf kif tużahom.
- Ġħandu jkollok pjan ta' kif taħrab minn nar u tipprattika l-pjan.
- Issakkarx lilek stess ġewwa id-dar. Żomm iċ-ċwievet fin-naħa ta' wara tas-serratura jew viċin.

il-pjan tiegħek biex taħrab minn nar fid-dar

- Pinġi l-pjan ta' l-art tad-dar tiegħek fil-grid u mmarka l-partijiet kollha minn fejn tista' toħroġ.
- Identifika żewġ modi minn fejn tista' toħroġ f'kull kamra.
- Iddeċiedi dwar post fejn tiltaqgħu barra, bħall-kaxxa ta' l-ittri.
- Ipprattika l-pjan kif taħrab minn nar fid-dar tiegħek regularment mal-familja kollha.
- Żomm dan il-pjan għal-lest u fakkar lil kulħadd minn fejn jistgħu joħorġu mingħajr periklu fil-każ ta' nar. Waħħal dan il-pjan fuq il-friġġ tiegħek.



CHECK YOUR HOTSPOTS

smoke alarms (apparat maħluq apposta biex jallarma lin-nies bil-preżenza tad-duħħan)

Smoka alarms li jaħdmu jsalvaw il-ħajjiet.

Iċċekkja u naddaf l-ismoke alarms tiegħek regularment.

Heaters

Iċċekkja l-heater tiegħek qabel tużah għall-ewwel darba kull xitwa.

Żomm ħwejjeġ, purtieri u ġugarelli ta' lanqas metru 'l bogħod mill-heater tiegħek.



Xemgħa

Żomm ix-xemgħa taqbad 'il bogħod mill-purtieri.

Uża dejjem uċuħ fejn tpoġġihom li ma jaqbdux.

Kamra tas-sodda

Uża tagħmir (appliance) wieħed biss għal kull outlet (żbokk ta' l-elettriku) fuq il-powerboard (bord biex tikkonnettja ma' enerġija elettrika).

Kutri ta' l-Elettriku

Ixgħelhom mhux aktar minn 30 minuta qabel tidħol fis-sodda.

Itfihom qabel tidħol fis-sodda.

Kċina

Kun af kif tuża l-kutra tan-nar u l-extinguisher (apparat li jitfi n-nar).

Qatt tħalli l-ikel isir waħdu.

Fuklar (fire place) miftuħ

Dejjem poġġi skrin quddiem nar fil-miftuħ.

Itfi n-nar qabel tmur torqod jew qabel toħroġ.

Ħasil

Naddaf il-lint filter tal-clothes dryer (magna li tnixxef il-ħwejjeġ) kull darba li tużah.

Ħalli d-dryer jagħmel id-dawra kollha – huwa essenzjali li jiksaħ.

Il-bieb ta' quddem

Serraturi għandu jkollhom iċ-ċwievet imħollija fihom meta tkun id-dar.

Żviluppa u pprattika l-pjan tiegħek ta' kif taħrab mid-dar – dejjem għandu jkollok żewġ modi biex taħrab minn kull kamra.

Kamra tas-salott

Tgħabbix iżżejjed il-powerpoints (sorsi b'enerġija elettrika).

Ibdel power kords (kords ta' enerġija) elettrika li jkollhom il-ħsara

www.checkyourhotspots.com

nar, pulizija jew ambulanza ċempel 000

Għal aktar informazzjoni, ara
www.cfa.vic.gov.au jew ċempel is-CFA
Community Safety fuq (03) 9262 8444

Rinunzja ta' dritt legali

CFA qed tagħmel din l-informazzjoni u l-materjal ta' pjan ta' kif wieħed jaħrab minn nar bil-ħsieb li int tuża kura xierqa meta tużah. Jekk għandek xi dubju kif tapplika l-informazzjoni għaċ-ċirkustanzi partikulari tiegħek, għandek tikseb aktar pariri professjonali.

CFA ma taċċettax responsabbilità dwar kif int tapplika, tinterpreta jew tiddependi fuq l-informazzjoni f'dan il-fuljett. CFA ma taċċetta l-ebda responsabbilità għal xi telf jew ħsara li jirriżulta mill-użu ta' din l-informazzjoni minnek, kemm jekk minħabba inežattezza bla ħsieb, żball jew xi ħaġa li tħalliet barra jew xi kawża oħra.

Disinn minn Mono Design www.monodesign.com.au. Ritratti minn Martin Anderson CFA.